MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 271/2012

**Appell Numru: 271/2012**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**

**Vs**

**Filippa Galea**

Illum, 31 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Filippa Galea, detentrici tal-karta tal-Identita bin-numru 412653M talli:

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond 1-Att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (AttNru XXIII ta' 1-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' 1-istess Att, fid-9 ta' April, 2011 fis-Suq ta' Hal-Qormi, naqset, jew hi jew impjegat taghha

jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci rcevuta fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax —il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ 1-imsemmija Skeda u 1-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ 1-1998.

U aktar talli fi-istess zmien u fi-istess post, naqset, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Txxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilha nhallas ghal dik il-provvista, u dan bi skur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax —il Skeda li tinsab ma’ 1-Att ta’ 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u 1-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82(2) ta’ 1-Att Nru XXIII ta’ 1-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-23 ta’ Mejju, 2012, fejn il-Qorti wara li  rat 1-artikoli 1-artikoli 51 u 77(a)(e) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll it-t-Tlettax il-Skeda ta’l-istess Kapitolu 406 issib lill-imputata hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannatha multa ta’ tmien mitt Euro (€800);

Peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda 1-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Filippa Galea pprezentat fl-4 ta’ Gunju, 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fil-parti fejn 1-Qorti tal-Magistrati astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni li 1-Qorti qieset bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni; fitwaqt illi thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabet lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni u tiliberha minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti, huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament hazin tal-fatti tal-kaz taghha kif ser jirrizulta fil-kors tal-proceduri tal-appell u waqt id-deponiment tax-xhieda fil-kawza. Fuq il-bazi tax-xhieda quddiem l-ewwel Qorti, 1-appellanta kellha tkun liberata minn kull akkuza u dan ghaliex fattwalment l-appellanta ma kisritx 1-artikli tal-Att nru XXIII tal-1998 fuq il-Valur Mizjud u anke ghaliex mix-xhieda li giet sottometta, ma ngiebet 1-ebda prova sodisfacenti illi hija kisret xi wiehed mill-provedimenti tal-istess Att nru XXIII tal-1998 dwar Taxxa fuq il
Valur Mizjud.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fid-9 ta' April, 2011 l-appellanta kienet qed tbiegh il-frott u l-haxix mill-van taghha fis-suq ta' Hal Qormi. F'hin minnhom mara xtrat xi frott minn ghandha. L-appellanta rceiviet il-flus u tatha xi bqija pero' rcevuta fiskali ma hargitx.  Hawnhekk avvicinawha mall-ewwel il-VAT Inspectors fosthom Martin Buttigieg li dentifika ruhu u staqsa lill-appellant ghaliex ma hargitx ircevuta fiskali.  L-appellanta ammettiet maghhom illi ma hargitx ircevuta u hargitha wara,  fil-prezenza tal-VAT Inspector.  Martin Buttigieg xehed ukoll illi huwa vverifika l-cash register u sab li dik l-ircevuta kienet l-ewwel sale ghal dik il-gurnata u l-hin kien il-11:00 ta' filghodu.

L-appellanta xehdet illi dak inhar giet mara barranija u xtrat xi frott, hallsitha, taghatha l-bqija u meta daret biex taghtiha l-ircevuta sparixxiet imbaghad tfaccaw l-ispetturi. Mistoqsija kif kienet se tispjega illi dak inhar l-unika rcevuta illi harget kien fil-11:00 ta' filghodu u x'gara mis-sales kollha illi saru qabel, l-appellanta qalet illi kellha xi accident u ma setghetx tidhol kmieni. Pero' ma tatx spjegazzjoni kif il-cash register ma mmarka xejn qabel ma gew l-ispetturi.  L-appellanta tghid illi dana kien zball

genwin taghha bejn il-barranija illi xtrat l-oggett u l-ircevuta ghaddew minn 10 sekondi sa minuta u ghalhekk kien zmien qasir wisq biex tikser il-Ligi.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti jidhrilha illi din l-ispjegazzjoni ta’ l-appellanta assolutament ma taghmilx sens u ma tistax tigi accettata bhal ma hija inverosimili l-fatt illi giet tard u l-ewwel bejgh gie rregistrat fil-11:00 ta’ filghodu. Din il-Qorti jidhrilha illi r-rizulta ampjament ippruvat illi l-appellanta naqset mill-obbligi fiskali taghha meta ghamlet bejgh, irciviet il-flus u ma hargitx ircevuta fiskali ghal dan il-bejgh. Hawn hekk din il-Qorti taqbel ukoll mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti illi ddikjarat illi ma kellha l-ebda ezitazzjoni illi taghti kredibilita lil verzjoni moghtija mill-ispetturi tal-VAT u taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfaciment pruvata, bit-tieni mputazzjoni bhala alternattiva ghall-ewwel wahda.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti dina setghet liberalment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din ic-decizjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------